2025/2549

22.12.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2549

tal-10 ta' Diċembru 2025

li jemenda u jikkoreġi r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/486 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2023/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kundizzjonijiet u tal-proċeduri relatati mal-istatus tad-dikjarant awtorizzat tas-CBAM

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2023/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 5(8) u 17(10) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2023/956 ġie emendat bir-Regolament (UE) 2025/2083 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]), li ssimplifika u saħħaħ il-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri, billi rreveda l-proċeduri għall-applikazzjoni u għall-għoti tal-istatus ta' dikjarant awtorizzat tas-CBAM u l-kundizzjonijiet li jirregolaw dawk il-proċeduri.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/486 ([3]) jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2023/956 fir-rigward tal-kundizzjonijiet u tal-proċeduri relatati mal-istatus tad-dikjarant awtorizzat tas-CBAM. Jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/486 jiġi emendat biex iqis il-bidliet introdotti bir-Regolament (UE) 2025/2083.

(3) Permezz tar-Regolament (UE) 2025/2083, il-proċedura ta' konsultazzjoni għall-għoti u r-revoka tal-istatus ta' dikjarant awtorizzat tas-CBAM stabbilita fir-Regolament (UE) 2023/956 saret fakultattiva u l-limitu ta' żmien stabbilit għal tali proċedura ta' konsultazzjoni huwa kkonvertit minn jiem tax-xogħol għal jiem kalendarji. Konsegwentement, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/486 dwar tali proċedura jenħtieġ li jirriflettu dik l-għażla u l-limitu ta' żmien.

(4) Barra minn hekk, bir-Regolament (UE) 2025/2083, l-iskadenza għas-sottomissjoni tad-dikjarazzjonijiet tas-CBAM stabbilita fir-Regolament (UE) 2023/956 ġiet estiża sabiex id-dikjaranti tas-CBAM jingħataw aktar żmien ħalli jikkonformaw mal-obbligi tagħhom. Konsegwentement, jenħtieġ li l-perjodu li jkopri d-dikjarazzjonijiet tas-CBAM fil-każ ta' revoka jiġi aġġustat kif xieraq.

(5) Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, jenħtieġ li l-awtorità kompetenti li tivvaluta applikazzjoni għall-istatus ta' dikjarant awtorizzat tas-CBAM titħalla tirkupra b'mod diġitali informazzjoni u data rilevanti minn awtoritajiet nazzjonali kompetenti oħra, dment li l-liġi nazzjonali tippermetti dan jew dment li l-applikant ikun ta l-kunsens tiegħu għall-ipproċessar tad-data.

(6) F'konformità mar-Regolament (UE) 2025/2083, ix-xiri taċ-ċertifikati CBAM għandu jibda fl-2027. Għalhekk huwa meħtieġ li tiġi stabbilita miżura alternattiva għall-konsegwenzi ta' revoka u ċ-ċediment taċ-ċertifikati CBAM għas-sena kalendarja 2026.

(7) Barra minn hekk, jeħtieġ li tiġi kkoreġuta referenza żbaljata fl-Artikolu 22(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/486 għall-Artikolu 25 minflok 26 ta' dak ir-Regolament.

([1]) ĠU L 130, 16.5.2023, p. 52, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/956/oj.

([2]) Ir-Regolament (UE) 2025/2083 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ottubru 2025 li jemenda r-Regolament (UE) 2023/956 fir-rigward tas-simplifikazzjoni u tat-tisħiħ tal-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri (ĠU L, 2025/2083, 17.10.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2025/2083/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2025/486 tas-17 ta' Marzu 2025 li jistabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2023/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kundizzjonijiet u tal-proċeduri relatati mal-istatus tad-dikjarant awtorizzat tas-CBAM (ĠU L, 2025/486, 18.3.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/486/oj).

(8) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/486 jiġi emendat u kkoreġut kif xieraq.

(9) Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament huma konsistenti mal-opinjoni tal-Kumitat tas-CBAM,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/486

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/486 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"3. L-applikant għandu jipprovdi ġustifikazzjonijiet għal talba biex tiġi aġġustata l-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 5(5), il-punti (d) sa (ga), tar-Regolament (UE) 2023/956 fit-talba għal aġġustament.";

(2) fl-Artikolu 4, jiżdiedu l-paragrafi 6 u 7 li ġejjin:

"6. Meta applikazzjoni jkollha l-istatus kif irreġistrat fir-reġistru tas-CBAM sal-31 ta' Marzu 2026 f'konformità mal-Artikolu 17(7a) tar-Regolament (UE) 2023/956, l-applikant jista' jkompli jimporta l-oġġetti b'mod proviżorju sad-data li fiha ssir effettiva deċiżjoni dwar l-applikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 7.

7. Minflok ma tikseb l-informazzjoni meħtieġa skont dan ir-Regolament għall-valutazzjoni tal-applikazzjoni mill-applikant, l-awtorità kompetenti tista' tuża għodod diġitali biex tirkupra informazzjoni rilevanti minn awtoritajiet nazzjonali kompetenti oħra fl-Istat Membru, meta l-applikant jagħti l-kunsens tiegħu għal tali rkupru jew dment li l-liġi nazzjonali tippermetti li dik l-informazzjoni tiġi rkuprata minn awtoritajiet nazzjonali kompetenti oħra.";

(3) l-Artikolu 11 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-awtorità kompetenti tista' tibda, f'format elettroniku permezz tar-reġistru tas-CBAM, il-proċedura ta' konsultazzjoni li tinvolvi l-partijiet ikkonsultati msemmija fl-Artikolu 17(1), it-tieni subparagrafu tar-Regolament (UE) 2023/956 (il-"proċedura ta' konsultazzjoni"). Il-proċedura ta' konsultazzjoni għandha titlesta qabel ma jiskadi l-limitu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 4(1).";

(b) is-sentenza introduttorja tal-paragrafu 2 hija sostitwita b'dan li ġej:

"Matul il-proċedura ta' konsultazzjoni, l-awtorità kompetenti tista' tibda l-konsultazzjoni dwar dan li ġej:";

(4) l-Artikolu 12 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 12*

Perjodu għal konsultazzjoni

1. L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi skadenza għall-partijiet ikkonsultati biex jissottomettu l-osservazzjonijiet tagħhom skont l-Artikolu 11(3). L-iskadenza ma għandhiex taqbeż il-15-il jum kalendarju.

2. L-awtorità kompetenti tista' testendi l-iskadenza stabbilita għall-konsultazzjoni f'konformità mal-paragrafu 1 fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin:

(a) l-applikant jitlob aġġustamenti f'konformità mal-Artikolu 2 li huma aċċettati mill-awtorità kompetenti u li huma rilevanti għall-fini tal-konsultazzjoni;

(b) il-parti kkonsultata titlob aktar żmien minħabba n-natura tal-eżamijiet li għandhom jitwettqu;

(c) l-estensjoni msemmija fil-punt (b) ma għandhiex taqbeż il-15-il jum kalendarju.

3. Jekk il-partijiet ikkonsultati ma jirreaġixxux sal-iskadenzi stabbiliti għall-konsultazzjoni f'konformità mal-paragrafi 1 u 2, il-kundizzjonijiet u l-kriterji li fir-rigward tagħhom tkun saret il-konsultazzjoni għandhom jitqiesu li huma ssodisfati.";

(5) l-Artikolu 21 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2. Meta d-data tar-revoka msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu taħbat qabel jew fit-30 ta' Settembru ta' kull sena, id-dikjarazzjoni tas-CBAM għandha tinkludi l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(2), il-punti (a), (b) u (c) tar-Regolament (UE) 2023/956 u, meta xieraq, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(2), il-punt (d) ta' dak ir-Regolament, fir-rigward tal-oġġetti importati qabel id-data tar-revoka u li ma jkunux koperti b'xi mod ieħor minn dikjarazzjoni tas-CBAM.

3. Meta d-data tar-revoka msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu taħbat wara t-30 ta' Settembru ta' kull sena, id-dikjarazzjoni tas-CBAM għandha tinkludi l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(2), il-punti (a), (b) u (c) tar-Regolament (UE) 2023/956 u, meta xieraq, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(2), il-punt (d) ta' dak ir-Regolament, fir-rigward tal-oġġetti importati bejn l-1 ta' Jannar ta' dik is-sena u d-data tar-revoka.";

(b) jiżdied il-paragrafu 10 li ġej:

"10. Meta revoka issir effettiva f'konformità mal-Artikolu 24 ta' dan ir-Regolament, fis-sena kalendarja 2026, l-għadd totali ta' ċertifikati CBAM kif imsemmi fil-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu għandu jiġi ċedut sal-15 ta' Frar 2027.";

(6) L-Artikolu 23 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2. Meta d-deċiżjoni ta' revoka tkun ġiet notifikata qabel jew fit-30 ta' Settembru ta' kull sena, id-dikjarazzjoni tas-CBAM għandha tinkludi l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(2), il-punti (a), (b) u (c) tar-Regolament (UE) 2023/956 u, meta xieraq, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(2), il-punt (d) ta' dak ir-Regolament, fir-rigward tal-oġġetti importati qabel id-data tan-notifika tad-deċiżjoni dwar ir-revoka u li ma jkunux koperti b'xi mod ieħor minn dikjarazzjoni tas-CBAM.

3. Meta d-deċiżjoni ta' revoka tkun ġiet notifikata wara t-30 ta' Settembru ta' kull sena, id-dikjarazzjoni tas-CBAM għandha tinkludi l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(2), il-punti (a), (b) u (c), tar-Regolament (UE) 2023/956 u, meta xieraq, l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(2), il-punt (d) ta' dak ir-Regolament, fir-rigward tal-oġġetti importati bejn l-1 ta' Jannar ta' dik is-sena u d-data tan-notifika tad-deċiżjoni ta' revoka.";

(b) jiżdied il-paragrafu 8 li ġej:

"8. Meta revoka issir effettiva f'konformità mal-Artikolu 24 ta' dan ir-Regolament, fis-sena kalendarja 2026, l-għadd totali ta' ċertifikati CBAM kif imsemmi fil-paragrafu 7 ta' dan l-Artikolu għandu jiġi ċedut sal-15 ta' Frar 2027.";

(7) l-Artikolu 26 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-awtorità kompetenti tista' tibda l-proċedura ta' konsultazzjoni li tinvolvi lill-partijiet ikkonsultati f'format elettroniku permezz tar-reġistru tas-CBAM u tindika l-intenzjoni li tirrevoka l-istatus ta' dikjarant awtorizzat tas-CBAM. Meta l-awtorità kompetenti tibda proċedura ta' konsultazzjoni, għad-deċiżjoni tagħha għandha tirrikjedi informazzjoni addizzjonali dwar il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 17(2) tar-Regolament (UE) 2023/956.";

(b) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"4. L-awtorità kompetenti għandha tiddetermina skadenza għall-proċedura ta' konsultazzjoni, li ma għandhiex taqbeż il-15-il jum kalendarju li jibdew mid-data tal-komunikazzjoni minn dik l-awtorità kompetenti tal-kundizzjonijiet u l-kriterji li l-partijiet ikkonsultati jeħtieġ li jeżaminaw.";

(8) fl-Artikolu 27, il-paragrafu 2, il-punti (b) u (c) huma sostitwiti b'dan li ġej:

"(b) il-limitu ta' żmien, li ma għandux jaqbeż il-15-il jum kalendarju, li fih id-dikjarant awtorizzat tas-CBAM jista' jissottometti l-osservazzjonijiet;

(c) meta applikabbli, il-limitu ta' żmien, li ma għandux jaqbeż il-5 ijiem kalendarji, li fih id-dikjarant awtorizzat tas-CBAM soġġett għar-revoka immedjata msemmija fl-Artikolu 25, jista' jissottometti l-osservazzjonijiet.".

Artikolu 2

Korrezzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2025/486

Fl-Artikolu 22, il-paragrafu 3, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"L-awtorità kompetenti tista' titlob lid-dikjarant awtorizzat tas-CBAM jipprovdi informazzjoni addizzjonali, u jipprovdi osservazzjonijiet dwar l-informazzjoni li fuqha l-awtorità kompetenti jkun beħsiebha tibbaża d-deċiżjoni tagħha li tirrevoka l-awtorizzazzjoni qabel ma tieħu tali deċiżjoni jew tibda proċedura ta' konsultazzjoni skont l-Artikolu 26.".

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Diċembru 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN